# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**

**Illum, 8 ta' Frar, 2001.**

**Kawza Nru. 21.**
**Citazz. Nru. 2067/00 JRM**

**LOMBARD BANK MALTA p.l.c.**

**vs**

**George u Nathalie konjugi CASSAR bhala debituri principali u J.A. CASSAR LTD bhala garanti solidali.**

## Il-Qorti,

Rat l-att tac-Citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:

Illi l-Bank attur kkonceda lill-konvenuti George u Nathalie konjugi Cassar facilita' ta' self u in forza ta' din il-facilita' sselfu flus minghand il-Bank attur u ghandhom debitu bilancjali komplessiv favur l-istess Bank attur ta' erbat elef mitejn erbgha u disghin liri maltin tmienja u disghin centezmu (Lm4294.98) bl-

interessi kkalkolati sal-wiehed u tletin ( 31) ta’ Awissu tas-sena elfejn ( 2000) skond ‘statement’ hawn anness u mmarkat Dok “A” oltre l-imghaxijiet ulterjuri mill-ewwel (1) ta’ Settembru 2000 sad-data tal-pagament effettiv;

Illi permezz ta’ skrittura privata li ggib id-data tat-tlieta (3) ta’ Marzu elf disa’ mija hamsa u disghin (1995) li kopja taghha hija hawn annessa u mmarkata Dok “B”, s-socjeta’ konvenuta J.A. Cassar Ltd. ggarantiet solidalment mal-konvenuti l-hlas lura ta’ dan id-debitu sa’ l-ammont ta’ elfejn lira maltin (Lm2,000) flimkien ma’ l-interessi u spejjez relattivi skond kif spjegat fl-istesss skrittura;

Illi ghalkemm interpellati sabiex ihallsu l-imsemmi debitu anke ufficjalment, il- konvenuti baqghu inadempjenti;

Ghalhekk is-socjeta’ attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex:

1. Jigu l-konvenuti kollha solidalment ikkundannati sabiex ihallsu lill-Bank attur is-somma ta’ elfejn lira maltin (Lm2,000);

2. Jigu l-konvenuti George u Nathalie konjugi Cassar solidalment ikkundannati sabiex ihallsu lill-Bank attur il-bilanc ta’ elfejn mitejn erbgha u disghin liri maltin tmienja u disghin centezmu (Lm2294.98);

U dan oltre imghaxijiet ulterjuri mill-1 ta’ Settembru 2000 sad-data tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez kollha, inkluz il-VAT kif ukoll dawk ta’ l-ittra ufficjali li ggib id-data tad-9 ta’ Marzu 2000 u tal-mandati ta’ Qbid u ta’ Sekwestru kawtelatorji pprezentati kontestwalment ma’ din il-kawza, u bl-imghaxijiet legali mill-1 ta’ Settembru 2000 sad-data

tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li huma lkoll minn issa ngunti ghas-subizzjoni taghhom;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti li naqsu li jipprezentaw nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta' attrici;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenuti tiddeciedi billi **tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici** kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi:

1. Tikkundanna lill-konvenuti kollha solidalment sabiex ihallsu lill-Bank attur is-somma ta' elfejn lira maltin (Lm2000);

2. Tikkundanna lill-konvenuti George u Nathalie konjugi Cassar solidalment sabiex ihallsu lill-Bank attur il-bilanc ta' elfejn mitejn erbgha u disghin liri maltin tmienja u disghin centezmi (Lm2294.98);

U dan oltre imghaxijiet ulterjuri mill-1 ta' Settembru 2000 sad-data tal-pagament effettiv, u bl-ispejjez kollha inkluz il- VAT kif ukoll dawk ta' l-ittra ufficjali li ggib id-data tad-9 ta' Marzu 2000 u tal-mandati ta' Qbid u ta' Sekwestru kawtelatorji pprezentati kontestwalment ma' din il-kawza, u bl-imghaxijiet legali mill-1 ta' Setembru 2000 sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti.

*8 ta' Frar, 2001.*

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF, LL.D.**
**8 ta' Frar, 2001.**

**Charles Falzon,**
**Deputat Registratur**
**8 ta' Frar, 2001.**